**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 16 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 485/23 AL

A B C

vs

D C

(M.R. Numru 333/2002)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tlettax ta' April tas-sena elfejn u tnejn (13/04/2002) kif jidher mil anness certifikat taż-żwieġ mmarkat bħala Dok A':

2. Illi l-esponenti sseparaw legalment minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood datat tnejn u għoxrin

ta' Settembru tas sena elfejn u sbatax (22.09.2017) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B';

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom żewġ t'itfal u cioe E C li twieled nhar is 17 ta' Dicembru 2003 u F C li twieldet nhar il-21 ta' Ottubru 2007 kif jidher mil annessi certifikati immarkati bħala Dok C1 u C2

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragionevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet ilhom separati tnejn u għoxrin taSettembru tas sena elfejn u sbatax (22.09.2017), u qilhom ma jghixu flimkien ghal aktar minn sena (1) matul l-ahhar (2) precedenti dan l-Umli Rikors u b'hekk jissodisfaw il-kriterja tal-artikolu 66B(a) tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ammendat permezz tal-Att XXV of 2021.

5. Illi dwar il-manteniment l-esponenti kif ukoll martu kienu irrinunzjaw ghad-dritt ta- għhom għal manteniment, filwaqt illi Joseph Ellul obbliga ruhu li jħallas manteniment fis-somma ta' erba mija u ħamsin ewro (€450) fix xahar għal ghat tfal u dan skont klawżola (7h) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

Talbet lill-intimat tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registartur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqsekk mill-istess Qorti, jazva lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l- istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Settembru 2023;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proċeduri u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Settembru 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti  qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.